

(3) *Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 171, 5.7.2008.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Mejju 2010 — Abadía Retuerta vs UASI (CUVÉE PALOMAR)**

(Kawża T-237/08) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali CUVÉE PALOMAR — Raġuni assoluta għal rifjut — Trade marks tal-inbid li jinkludu indikazzjonijiet ġeografiċi — Ftehim TRIPs — Artikolu 7(1)(j) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(j) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”*

(2010/C 179/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

#### Partijiet

Rikorrenti: Abadía Retuerta, SA (Sardón de Duero, Spanja) (rappreżentanti: X. Fàbrega Sabaté u M-l. Curell Aguilà, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

#### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-2 ta' April 2008 (Każ R 1185/2007-1), dwar ir-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali CUVÉE PALOMAR bħala trade mark Komunitarja.

#### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Abadía Retuerta, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 272, 25.10.2008.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2010 — Ravensburger vs UASI — Educa Borrás (EDUCA Memory game)**

(Kawża T-243/08) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark figurattiva EDUCA Memory game — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti MEMORY — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) u (5), Artikoli 74 u 75 tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li saru Artikolu 8(1)(b) u (5), Artikoli 76 u 77 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”*

(2010/C 179/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Ravensburger AG (Ravensburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Würtenberger u R. Kunze, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Educa Borrás, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: I. Valdelomar Serrano, avukat)*

#### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-8 ta' April 2008 (Każ R 597/2007-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Ravensburger AG u Educa Borrás, SA.

#### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) Ravensburger AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 209, 15.8.2008

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2010 — Nexus Europe (Ireland) vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-424/08) (<sup>1</sup>)

*“Klawżola ta' arbitraġġ — Il-ħames programm-qafas għal azzjonijiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni — Proġett fuq it-tendenzi makroekonomiċi u urbani fil-kumpannija Ewropea tal-informazzjoni (Muteis) — Dannu li jirriżulta mit-tibdil ta' kuntratt fir-rigward tas-sistema ta' rimbors tal-ispejjeż inkorsi minn parteċipant fil-proġett”*

(2010/C 179/61)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Nexus Europe (Ireland) Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentant: M. Noonan, barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropej (rappreżentanti: R. Lyal u A. Sauka, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-kumpens għad-danni li r-rikorrenti allegatament subiet minħabba li l-Kummissjoni kisbet ċerti tibdiliet tal-kuntratt Muteis IST-2000-30117, konkluż fil-31 ta' Ottubru 2001.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Neux Europe (Ireland) Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 6, 10.01.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2010 — Zeta Europe vs UASI (Superleggera)**

(Kawża T-464/08) (<sup>1</sup>)

*“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Superleggera — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Eżami ex officio tal-fatti — Artikolu 74 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009) — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009)”*

(2010/C 179/62)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Zeta Europe BV (Arnhem, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: V. Bilardo, C. Bacchini u M. Mazzitelli, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentanti: A. Sempio u O. Montalto, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-17 ta' Lulju 2008 (Każ R 666/2008-1), li tirrigwarda applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva Superleggera bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Zeta Europe BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 313, 06.12.2008.